MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 153/2013

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Vincenza ATTARD**
**[ID Nru. 588938(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-6 ta' Dicembru, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' disa' mija sitta u hamsin euro u erbgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€956.34c][1] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa mija u sitta u hamsin ewro u erbgha u tletin centezmi (€856.34) liema ammont huwa in

[1] Dan l-ammont gie ridott permezz ta' nota ppreżentata fil-11 ta' April, 2013 (fol. 15) ghall-hames mija sitta u hamsin euro u erbgha u tletin ċenteżmu ta' euro [€556.34c].

konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C508559820 u A/C50859804 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati

Dok IZY 1 – prospett ghall-akkont numru A/C50859820
Dok IZY 2 – ftehim ghall-akkont relattiv numru A/C50859820
Dok IZY 3 – prospett ghall-akkont relattiv numru A/C50859804
Dok IZY 4 – ftehim ghall-akkont relattiv numru A/C50859804
Dok IZY 5 – estratt mir-Registru Elettorali, u
Dok IZY 6 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet nterpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-11 ta’ April, 2013 (fol. 15) u li permezz taghha l-ammont originarjament mitlub ta’ disa’ mija sitta u hamsin euro u erbgha u tletin ċenteżmi ta’ euro [€956.34c] gie ridott ghal ammont ta’ hames mija u sitta u hamsin euro u erbgha u tletin centezmi ta’ euro [€556.34c].

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fit-28 ta’ Marzu, 2013, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-10 ta’ April, 2013, nhar it-8 ta’ Mejju, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-8 ta’ Mejju, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija u sitta u hamsin euro u erbgha u tletin centezmi ta' euro [€556.34c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------